MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 1556/2002

**Luke V Gauci**
**Vs**
**Gordon u Karen konjugi Camilleri u Brian Guillaumier**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-26 ta Gunju 2002, fejn intalab li l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsu lill-attur is-somma ta' mija u erbghin lira (Lm140) rapprezentanti penali ta Lm100 u imghax ta Lm40 fuq l-istess penali derivanti minn kuntratt pubbliku datat 27 ta Marzu 1989 atti Nutar Antoine Agius.
Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri bonarji datati 26 ta Novembru 1997 u 20 ta Lulju 2001 u tal-ittri ufficcjali datati 13 ta Mejju 1997 u 30 ta Novembru 1999 u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv mid-data tal-imsemmija ittra ufficcjali kontra l-konvenuti jew min minnhom.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenuti konjugi Camilleri datata 12 ta Lulju 2002 fejn ikkontestaw it-talbiet attrici stante (a) l-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna (b) l-obbligu allegat ma jezistix fil-kuntratt imsemmi (c) huwa legalment improponibbli li titlob imghax fuq penali;

Ra r-risposta tal-konvenut Brian Guillaumier datata 2 ta April 2003 stante (a) l-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna u (b) il-fond in kwistjoni kien gie mibjugh lill-konvenuti konjugi Camilleri in forza ta kuntratt citat fl-istess avviz.

Illi fis-seduta tad-29 ta Ottubru 2003 gie pprecizat li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti kienet dik kontemplata fl-artikolu 2156a Kap 16 tal-ligijiet ta Malta, cioe dik ta hames snin.

Ra x-xhieda u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra.

Illi l-kaz in ezami jikkoncerna penali ta Lm100 imposta fuq kuntratt pubbliku f’kaz li d-direttarju tal-enfitewsi ma jircevix kopja tal-eventwali kuntratt ta trasferiment fi zmien xahar.

Mario Bonello xehed li l-attur kien ircieva l-kopja tal-kuntratt meritu ta dina l-kawza erba snin wara ghalkemm ic-cens beda jithallas mill-akkwirenti konjugi Camilleri mill-mument tal-istess trasferiment.

Il-konvenut Guillaumier ighid li huwa x’aktarx kien baghtu l-kuntratt ta trasferiment tramite n-Nutar u li se mai l-obbligu kien jaqa fuq l-akkwirenti konvenuti Camilleri stante li huma akkwistaw l-obbligi kollha marbuta mal-koncessjoni originali tac-cens. Ighid ukoll li huwa qatt ma rcieva interpellanzi mill-attur.

Il-konvenut Camilleri jaccetta li huwa ma kienx hallas il-lawdemju u l-kopja tal-kuntratt baghtu biss wara l-interpellanza tal-konsulent legali ta l-attur.

Jigi rilevat li filwaqt li l-konjugi Camilleri kienu gew notifikati bl-ittra ufficcjali datata 13 ta Mejju 1997 u dana fis-17 ta Mejju 1997, fil-konfront tal-konvenut Brian Guillaumier baqa ma ngabitx prova jekk fil-fatt hu giex notifikat o meno bl-ittra ufficcjali datata 30 ta Novembru 1999.
Illi l-avviz odejrn gie prezentat fis-26 ta Gunju 2002 u l-kuntratt ta trasferiment favur il-konvenuti Camilleri huwa datat 11 ta Frar 1993.

Illi ghalhekk ghandu jirrizulta li l-azzjoni odjerna hija tassew preskritta fil-konfront tal-konvenut Brian Guillaumier ai termini tal-precitat artikolu.

Illi dwar il-konvenuti konjugi Camilleri, jinghad li ghalkemm kien hemm interruzzjoni tal-perjodu preskrittiv permezz tal-ittra ufficcjali datata 13 ta Mejju 1997 notifikata lilhom fis-17 ta Mejju 1997 pero minn din l-ahhar data u cioe 17 ta Mejju 1997 sal-jum tal-prezentata tal-odjern avviz 26 ta Gunju 2002 ghaddew aktar minn hames snin u kwindi t-talba hija ormai preskritta anke fil-konfront taghhom ukoll.
Ghaldaqstant in vista tal-premess t-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, jiddikjara li l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156a Kapitolu sittax tal-Ligijiet ta Malta u konsegwentement ghalhekk jirrespingi t-talbiet tal-atturi bl-ispejjes ta din l-istanza pero ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------